IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — DIĊEMBRU 1951

# Il-"Għaqda" Tagħna u ż-Żgħażagħ

KULL min għandu għal qalbu xi kawża u jixtieq iġibha 'l quddiem, dejjem jara kif iħajjar iż-żgħażagħ jinteressaw ruħhom fiha, u bir-raġun, għax iż-żgħażagħ b'dik il-ħrara u l-ħeġġa ħarkiena tagħhom, jistgħu jagħmlu ġid ba tarf u jsaħħu kull moviment li jidħlu għalih. Iż-żgħażagħ igħixu aktar bl-ideal milli jgħixu l-kbar, u l-ideal hu qawwa li tirbaħ u tfarrak kull għawġ u xkiel. Fil-waqt li l-kbar joqogħdu jaħsbuha għal darba tnejn, iż-żgħażagħ jinxteħtu bla sabar għat-taqbida kontra l-għira u l-mibegħda u l-bruda; b'dik il-qalb ġeneruża tagħhom huma jidħlu bil-ferħ u bla tkewtil għal xogħlijiet ebsin, u jibqgħu jirsistu sakemm iwettqu l-ħsieb ta' moħħom.

Mhux ta' b'xejn li l-mexxejja ta' l-Istati Totalitarji, u issa kważi ta' kull pajjiż, qegħdin jagħmlu minn kollox biex jiġbdu ż-żgħażagħ għal warajhom, għax iż-żgħażagħ huma wkoll iż-żerriegħa tal-ħajja ġejjiena. Meta l-kbar jintemmu jew ma jibqgħux jifilħu aktar, il-ħidma tagħhom tintefa jekk ma jkunx hemm ta' warajhom li jħabirku u jrewħu ħalli jżommu l-fjamma dejjem tħeġġeġ.

Il-lum iż-żgħażagħ qegħdin juru x'jiswew billi jieħdu interess dejjem akbar fil-ħajja soċjali ta' pajjiżhom, issibhom imdaħħlin f'kumitati u f'għaqdiet politiċi, kulturali, artistiċi u soċjali; u huma ma jeħdux sehem f'dawn il-għaqdiet biex jidhru bħala msieħbin biss, iżda biex iwettqu l-ħidma tagħhom bieżla u fejjieda. Difatti naraw ħafna żgħażagħ jieħdu parti attiva f'kull tqanqila għall-ġid u għall-progress tan-nazzjon, u l-parti li jieħdu hi dejjem parti ħawtiela, mimlija ħeġġa u ħrara.

Din il-ħidma taż-żgħażagħ fil-ħajja soċjali hi rahan ta' risq u ta' ġid għaż-żmien li ġej, għax b'din il-ħidma tagħhom huma jidraw minn kmieni jmiddu għonqhom għal dak li pajjiżhom jitlob minnhom, u barra dan huma jakkwistaw ukoll esperjenza li 'l quddiem tkun ta' ġid mhux biss lilhom iżda wkoll lil art twelidhom.

*Għalhekk aħna ma nistgħux ma nifirħux meta naraw kemm iż-żgħażagħ għandhom għal qalbhom din il-"Għaqda" tagħna. Minn mindu twaqqfet, il-"Għaqda" kellha l-appoġġ ta' żgħażagħ bil-għaqal li minn kmieni ntebhu kemm hu ta' siwi l-iskop li għalih twaqqaf dan il-korp letterarju. Il-fundaturi tal-"Għaqda" dejjem għażżew u dejjem fittxew li jagħtu parir għall-ġid liż-żgħażagħ, li jmexxuhom lejn is-sewwa u lejn l-irġulija, u li jgħallmuhom il-ġmiel u l-benna ta' l-ilsien tagħna. Aħna nħossuna mhux ftit kburin li waħda mill-għaqdiet taż-żgħażagħ intelliġenti, il-"Għaqda tal-Malti" ta' l-Università, ixxettlet u kibret għad-dell tal-"Għaqda" tagħna.*

*Ma' tul il-ħajja tagħha, il-"Għaqda" tagħna sabet għajnuna kbira minn xirkiet u għaqdiet oħra li twaqqfu biex igħinuha jew biex jaħdmu magħha id f'id. Ix-"Xirka għat-Tixrid ta' l-Ilsien Malti", "Il-Għaqda tal-Malti" (Dockyard)", "Il-Kunsill Ċentrali tal-Malti", "Il-Qawmien Malti", il-"Moviment tal-Malti", kollha twaqqfu biex jingħaqdu magħna fil-ħidma tagħna għall-ġid ta' Malta u ta' lsienha. Dawn ix-xirkiet aktarx kollha kienu mwaqqfin minn żgħażagħ mixgħulin bil-ħeġġa u l-ħrara. Il-lum xi wħud minn dawn ix-xirkiet spiċċaw, imma aħna għad baqgħelna l-konfort tal-għajnuna li kienu taw lil, u tal-qima li kienu wrew lejn, il-"Għaqda" tagħna*

*Issa xi żgħażagħ waqqfu għaqda oħra, il-"Għaqda tal-Kittieba Żgħażagħ". Bħalma huma fissru, il-kelma żgħażagħ f'din il-għaqda ma tfissirx żgħar fis-snin, iżda tfisser kittieba, kbar u żgħar, li ma tantx ilhom jiktbu għall-istampa. Il-fundaturi ta' din il-għaqda ġdida huma żgħażagħ li għandhom qalbhom tħeġġeġ bin-nar ta' l-imħabba għal ilsien art twelidhom, u milli jidher biħsiebhom jissoktaw dejjem iżjed igħollu l-ġieħ ta' pajjiżhom; xi wħud minnhom nafuhom bħala kittieba tajbin u ġie li ippubblikajna f'dan il-Qari xi xogħlijiet tagħhom. Nies bħal dawn aħna ngħożżuhom u nagħmlulhom il-qalb, għax nafu li b'daqshekk inkunu mmexxu 'l quddiem il-missjoni għażiża tagħna.*